



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

6.10.2010

0076/2010

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-inammissibilità ta' kwalunkwe tentattiv li jinħolqu dubji dwar il-fruntieri bejn l-istati fl-Ewropa

**Jiří Maštálka, Vladimír Remek**

Data ta' skadenza: 20.1.2011

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-inammissibilità ta' kwalunkwe tentattiv li jinħolqu dubji dwar il-fruntieri bejn l-istati fl-Ewropa**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi ż-żamma tal-ordni istituzzjonali stabbilita skont l-atti tad-dritt internazzjonali adottati wara l-Ewwel u t-Tieni Gwerra Dinjija hija l-bażi tal-istabilità politika fl-Ewropa,
- B. billi f'xi pajjiżi Ewropej, fosthom Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, hemm forzi politiċi influwenti li qed jaħdnu bl-għan iddi kjarat li ssir reviżjoni tal-fruntieri statali li ħarġu mit-trattati internazzjonali fis-seħħ (pereżempju, minn dak magħruf bħala t-Trattat ta' Trianon),
- C. billi dawn l-isforzi jmorru kompletament kontra r-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien fl-Ewropa u jaffettaw b'mod negattiv l-istabilità u l-koeżjoni interna tal-Unjoni Ewropea,
- 1. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tat-tentattivi li qed isiru bil-miftuħ f'xi pajjiżi Ewropej, fosthom Stati Membri tal-UE, biex issir reviżjoni tal-fruntieri nazzjonali fl-Ewropa;
- 2. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jieħdu azzjoni riżoluta kontra kwalunkwe tip ta' tendenza reviżjonista li thedded il-qafas tal-istati fl-Ewropa fil-fruntieri eżistenti tagħhom;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.